MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 490/2004

**Francesco Aquilina**

**Vs**

**Joseph Zahra**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin u disghin centezmu (Lm416.90c) rapprezentanti danni minnu sofferti f'incident stradali li sehh fit-28 t'Awissu, 2003 bejn Ford Transit HMY 166 ta' l-attur u Volkswagen Golf HAB 568 misjuq mill-konvenut.

Ra r-Risposta pprezentata mill-konvenut li permezz taghha huwa kkontesta r-responsabbilta' ghall-incident in

kwistjoni u sostna illi l-incident sehh minhabba negligenza da parti tas-sewwieq tal-vettura HMY 166.

Sema' x-xhieda ta' missier l-attur, tal-konvenut kif ukoll ta' Brenda Al Khazmi.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-incident in kwistjoni sehh f'Qawra Road, cjoe' f'dik it-triq li taghti minn Ta' Cassia lejn is-Suncrest Hotel.  Fl-inhawi hemm ***S****-Bend* u l-incident sehh f'nofs din l-***S****-Bend* proprju fejn hemm *side road* inti u niezel fuq in-naha tax-xellug.

L-incident sehh proprju biswit l-inkrocju ma' din is-*side road*.

Missier l-attur, li kien qed isuq il-minibus ta' l-attur, spjega illi huwa kien hiereg minn din is-*side road* u waqaf f'nofs it-triq biex jistenna li tigi *clear* il-karreggjata tan-naha l-ohra tat-triq, cjoe' biex ighaddi t-traffiku li kien gej mix-xellug tieghu biex imbaghad b'hekk ikompli fi triqtu.  Fil-mument li kien wieqaf kien hemm karozza li qabel l-incident kienet ipparkjata aktar 'il fuq fil-*main road*, harget mill-pozizzjoni ta' *parking* u baqghet diehla go fih.

Il-konvenut xehed illi huwa verament kien ipparkjat u qala' minn pozizzjoni ta' *parking* u ma kien hemm hadd gej, u hu u miexi, l-vettura HMY 166 misjuqa minn Aquilina harget mis-*side road* u mblokattlu triqtu.  Hu bbrejkja u pprova jikser 'il barra izda z-zewg vetturi xorta habtu.

Xehdet ukoll Brenda Al Khazmi li kienet passiggiera fil-minibus misjuqa minn Aquilina.  Huwa kien ghadu kif wassalha fil-post in kwistjoni billi dahal gewwa s-*side road* u ghamel U-turn u rega' hareg 'il barra, waqqafha fis-*side road* u wara li nizzilha, hija mxiet ftit passi u semghet il-hoss ta' kollizjoni.  Mistoqsiha ripetutament biex tghid kemm ghadda zmien bejn meta nizzilha d-driver sakemm

saret il-kollizjoni, hi qalet li kienet imxiet zewg passi u li ghaddiet xi nofs minuta.

It-Tribunal anke ezamina r-Road Accident Report u sketch maghmul mill-pulizija kif ukoll ir-ritratti esebiti.

Huwa principju generali fil-materja illi l-piz tal-prova tispetta lill-attur stante li huwa pprezenta l-kawza. Huwa jrid jipprova, fil-grad ta' probabbilta', li l-incident sehh b'tort u htija tal-konvenut. Dan huwa iktar affermat mill-fatt illi l-konvenut bhala *main road user* kellu d-dritta fuq Aquilina li hareg minn *side road*.

Meta wiehed johrog minn *side road* ghal fuq *main road*, ghandu qabel xejn jieqaf, jezamina u jesplora li t-triq hija *clear* u meta jaccerta ruhu li jista' johrog, ghandu johrog minghajr tlaqliq u ghandu jaghmel il-manuvra b'mod spedizzjuz u efficjenti.

Il-Highway Code jirrakomanda hekk:

**205.** Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. **STOP** at **STOP** signs. Slow down and give way at **GIVE WAY** signs. Where there are no such signs exercise discretion and prudence.

**206.** Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Always signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn.

**207.** On turning at a junction look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so. Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons.

**208.** At police-controlled junctions let the police officer controlling traffic know clearly by your signal which way

you want to go. Do not filter left when straight ahead traffic is held up unless you receive a signal to do so.



Assess your vehicle's length and do not obstruct traffic

**209.** When crossing a dual carriageway, treat each carriageway separately, and if necessary wait at the central reservation, if any.

Min ikun ipparkjat ghandu jaccerta ruhu li jista’ johrog liberament qabel ma jintenta l-manuvra.  Kif jispjega l-Highway Code:

**151.** Before you move off, look round, even though you may have looked in your mirror, to see that no one is about to overtake you. Give proper signals before moving out, and only move off when you can do so safely and without inconvenience to other road users. Give way to passing and overtaking vehicles

Kull driver huwa obbligat li jzomm *a proper lookout*.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi ftit qabel l-incident Aquilina, hareg minn *side road* u f’dan is-*side road* hemm *stop sign* immarkat.  Din is-*side road* ghandha zewg lanes u mill-iskizz jidher li Aquilina kien *wrong side* meta hareg.  Fil-*main road*, f’nofs it-triq bejn karreggjata w ohra hemm sinjali mizbugha fuq it-triq fejn jidher li huwa ntiz sabiex il-vetturi li ser jaqsmu minn karreggjata w ohra ghandhom ighaddu minnha.  Dan jista’ jitqies bhala speci ta’ *central reservation* (Art 209 supra).

Illi inoltre, l-partijiet jaqblu li qabel ma sehh l-incident il-konvenut kien f'pozizzjoni ta' parking.

Fl-okkorrenza jidher li Aqulina qal lill-Pulizija li qabel ma hareg fuq il-*main road*, huwa kien waqaf. Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal din l-affermazzjoni ma hargitx daqstant cara. Li hareg car kien li, wara li Aquilina nizzel lill-passiggiera Brenda Al Khazmi, hass li l-karreggjata tat-traffiku gej mill-lemin kien *clear* u hareg. Ra li l-karreggjata tat-traffiku gej mix-xellug ma kienetx *clear* u b'hekk waqaf.

Meta Aquilina waqaf huwa lanqas biss kien lahaq is-*central reserved area* izda mblokka kompletament il-karreggjata tat-traffiku li kien gej mil-lemin tieghu. Certament meta Aquilina hareg ghal fuq il-*main road* huwa ma accertax li jista' jespleta l-manuvra minghajr xkiel. Inoltre, jekk wiehed kellu jaccetta li hu verament kien wieqaf qabel ma sehh l-incident, huwa waqaf f'post fejn assolutament ma kellux jieqaf.

It-Tribunal mhux konvint illi l-incident verament sehh kif spjegah Aquilina u dan partikolarment billi huwa evidenti li meta hareg mis-*side road* huwa kien "cutting corners" tant li gibed *wrong side*. Inoltre jekk verament kien wieqaf jistenna t-traffiku jghaddi, huwa kien ikun iktar avvanzat u kien ikun wieqaf fis-*central reservation area*. Dan huwa muri car kemm mill-iskizz kif ukoll mir-ritratti. Jekk verament kien wieqaf u qed jistenna, huwa ma setghax isib post iktar perikoluz – cjoe' ezatt wara l-ewwel kurva ta' ***S**-Bend.* Huwa litteralment kien *a sitting duck* f'nofs it-triq.

Aquilina pprova jigbed argument mix-xhieda ta' Brenda Al Khazmi fis-sens li bejn meta nizzilha sakemm sehh l-incident ghaddiet nofs minuta. It-Tribunal mhux konvint li ghaddiet nofs minuta. Hi qalet li mxiet zewg passi (dwar dan dehret certa). Qalet ukoll li ghaddiet nofs minuta (izda dwar il-hin ma dehritx daqstant certa). Li johrog zgur huwa li bejn meta tnizzlet sakemm sehh l-incident

m'ghaddiex hafna hin u ghalhekk mhux verosimili li Aquilina, wara li nizzel lil Al Khazmi:

- Saq.
- Waqaf fil-bokka tas-*side road.*
- Esplora l-*main road*.
- Rega' saq biex jittraversa l-*main road*.
- Waqaf f'nofs l-ewwel karreggjata.
- Stenna sakemm ighaddi t-traffiku li kien gej mix-xellug fil-karreggjata l-ohra.

<u>Biex jaghmel dak kollu Al Khazmi zgur kienet timxi iktar minn zewg passi.</u>

It-Tribunal huwa aktar propens li jaccetta l-verzjoni moghtija mill-konvenut. Huwa jghid li qabel l-incident kien wieqaf, qabel ma beda jsuq ra li ma kienx hemm traffiku gej minn warajh u saq. F'daqqa wahda harget il-minibus mis-*side road*. Hu pprova jevitaha billi sswervja 'l barra w anke ghafas il-*brake* izda l-habta xorta sehhet. Ir-ritratti esebiti juru *tyre marks* li halliet il-vettura tal-konvenut. Dawn juru li l-konvenut verament isswervja 'l barra biex jipprova jevita l-minibus.

Aquilina semma' li qabel l-incident kien jaf li l-karozza tal-konvenut kienet ipparkjata aktar 'il fuq minnu. Pjuttost milli difiza t-Tribunal jidhirlu li din il-konsapevolezza timmilita kontrih. Jekk kien daqshekk attent, possibbli li ma ndunax li l-vettura tal-konvenut kienet gejja? F'pozizzjoni tant perikoluza wiehed ragunevolment jistenna attenzjoni kbira - partikolarment billi l-minibus kienet qed timblokka t-triq. Jekk induna biha u m'ghamel xejn, forsi haseb li l-minibus bhala vettura kienet *more equal* mill-vetturi l-ohra? U jekk induna bil-vettura tal-konvenut qieghda ssuq, ghax ma daqqx il-horn jew attira l-attenzjoni tal-konvenut?

Jirrizulta li meta Aquilina hareg mis-*side road* ma esplorax sew it-triq, ma accertax li jista' jespleta l-manuvra kollha minghajr xkiel jew ostakolu u inoltre meta hareg fuq il-

*main road* imblokka l-karreggjata tal-konvenut b'tali mod li l-konvenut ma setghax jevita l-kollizjoni minkejja li huwa sswervja u ghafas il-*brake*.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li l-kawza prossima ta' l-incident kien is-sewqan imprudenti ta' missier l-attur u li konsegwentement l-attur ma rnexxilux jipprova li l-konvenut huwa responsabbli ta' l-incident.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li t-talba ta' l-attur ma gietx sodisfacentement ippruvata u konsegwentement qed tigi michuda bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------